MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 392/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Michele k/a Michael Fenech**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar it-18 ta' Jannar, 2005 ghall-habta tal-05.30 P.M. gewwa H'Attard f' Birkirkara u f'inhawi ohra f' dawn il-Gzejjer;

1. Iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b' mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

2. Holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanzi, sabiex dan il-fatt jew cirkostanzi jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra u cioe'

kontra Carmelo Azzopardi, bil-hsieb li b' hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat;

3. Volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, (vettura GAC 198) ghad-dannu ta' Carmelo Azzopardi, liema hsara ma tkunx tiskorri il-hames mitt lira Maltin, imma izjed minn hamsin lira Maltin.

4. Bil-hsieb li jtellef jew inaqqas l-gieh ta' Carmelo Azzopardi u Patricia Azzopardi wegghahom bi kliem b' gesti jew b' mod iehor'

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Carmelo Azzopardi, Patricia Azzopardi u membri ohra tal-familja taghhom billi tapplika l-provvedimenti ta' Art 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Settembru, 2010, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 110(2) u 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta Malta l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel u t-tielet akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u ikkundannatu tnax (12) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew sospizi ghal perijodu ta' tlett (3) snin. Stante li t-tieni akkuza inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel akkuza li taghha l-imputat nstab hati l-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza. Il-Qorti iddikjarat lill-imputat mhux hati tar-raba' akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement illiberatu mill-istess akkuza.
B'applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ikkundannat lill-imputat sabiex sa zmien tlett (3) xhur ihallas lil konjugi Carmel u Patricia Azzopardi l-ekwivalenti f'Ewro tas-somma ta' mitejn u zewg liri Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm202.46).
B'applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali l-Qorti rabtet lill-imputat b'obligazzjoni personali taht penali ta' sitt mitt ewro (€600) ghal zmien tnax (12) il-xahar milli jimmolesta jew jivvessa lil Carmel u Patricia Azzopardi.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-5 ta' Ottubru, 2010 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirriforma is-sentenza appllata u filwaqt li tikkonferma dik il-parti fejn illiberat lill-appellant mit-tieni u r-raba akkuza, tilliberah mill-ewwel u t-tielet akkuza u fin-nuqqas timponi sentenz anqas oneruza.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-ewwel Qorti kellha hawn kaz car ta' konflitt ta' provi meta kellha zewg verzjonijiet kontradittorji principalment wahda tax-xhud Patricia Azzopardi li fl-ebda moment ma rat lill-appellant jobrox il-vettura taghha u dik tal-appellanti li dejjem cahad li ghamel hekk imma li kif spjega hu stess mar biex isuq l-istess vettura teighu kif effettivament ghamel tant li meta nizel minn gewwa fil-post fejn kienet f'dahra barra, sabet lill-istess appellanti fil-vettura tieghu u kien ded isuq l-istess karozza tieghu u jirriversja ghad-drive in;

2. Illi iktar minn hekk Carmel Azzopardi, li huwa membru tal-korp tal-Pulizija, zewg l-istess Patricia li ma kienx hemm imma li gie wara fil-jum tat-18 ta' Jannar, 2005 il-gurnata tal-alegat kaz, meta l-appellanti beda jispjegalu li huwa kien irceva l-att vandalu fil-vettura teighu u ried jurilu l-grif fil-vettura tieghu, indirizzah billi ta' daqqa f'halq l-appellanti u caqlaqlu sinna kif medicament gie certifikat u anke dan il-fatt gie injorat mill-Ewwel Qorti;

3. Illi jidher car li hemm kionflitt serju fil-provi mressqa mil-prosekuzzjoni u li anke jekk wiehed jasal biex iwarrab kompletament l-istess xhieda tal-appellanti, xora ma hemmx il-konvicnement morali li jwassal ghal-htija fuq l-ewwel (1) u t-tielet (3) akkuza.

4. Salv aggravji ohra li jigu trattati oralment.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi fit-tmintax (18) ta’ Jannar, 2005 ghal habta ta’ 5:30 pm inqala’ ncident bejn zewg girien f’H’Attard, Patricia Azzopardi minn nahha wahda u l-appellant Michel Fenech minn nahha l-ohra. Patricia Azzopardi ssostni illi fil-gurnata nkwistjoni hija rat lill-appellant ghaddej ma genb il-karozza taghha u jaghmel moviment b’idu t-tul kollu tal-karozza. Meta harget tivverifika sabet li l-vettura kellha girfa mal-genb kollu tal-lemin u kkonfrontat lill-appellant b’dan l-akkadut, l-appellant innega illi ghamel din il-hsara. Sadanittant wasal fuq il-post ir-ragel ta’ Patricia Azzopardi, Carmel u nqala diverbju bejnu u bejn l-appellant. L-appellant beda jinsisti ma Carmel Azzopardi illi jara l-girfa illi l-appellant kellu fuq il-karozza tieghu izda Azzopardi ma kienx interessat f’dik. Wara dan l-incident Azzopardi mar jaghmel rapport lill-pulizija illi l-appellant ghamel hsara volontarja fuq il-karozza propjeta tieghu. L-appellant mar ukoll l-ghassa u ghamel rapport illi l-appellant tah daqqa ta’ ponn f’wiccu, kissirlu sinna u anke ghawwiglu n-nuccali. Peress li l-appellant me kellu ebda sinjal ta’ daqqiet fuq wiccu, l-pulizija illi ha r-rapport, PS 321 Alan La Grasta qal lill-appellant sabiex igib certifikat mediku. Dan hekk ghamel pero’ skont dan ic-certifikat irrizulta li ma kellu l-ebda sinjali esterjuri ta’ griehi f’wiccu u rigward is-sinna li allegatament giet miksura f’dan l-incident ic-certifikat qal ma kienx possibli “to ascertain with precision the instance of the damaged second premolar.” Carmel Azzopardi gie wkoll ezaminat mit-tabib fejn gie ccertifikat li ma kellu l-ebda griehi lanqas f’idejh. Fuq dan il-pulizija resqu lill-appellant biex iwiegeb ghall-akkuzi mertu ta’din il-kawza.

Ikkunsidrat.

Illi l-agravju principali ta’ l-appellant huwa illi hawnhekk huwa kaz car ta’ konflitt fil-provi u meta l-Qorti jkollha zewg verzjonijiet kontradittorji allura ma kienx hemm dak

il-konvinciment morali li jwassal ghal htija fuq l-ewwel (1) u t-tielet (3) akkuza.

Ikkunsidrat.

Il-Qorti ma jidhriliex illi dan huwa l-kaz, ma hemm l-ebda konflitt fil-provi tal-prosekuzzjoni, hemm pero' xhieda konfliggenti bejn dak illi qal l-appellant u dak illi qalu Patricia Azzopardi u zewgha Carmelo. Il-provi kienu juru bic-car illi l-appellant holoq tracci ta' reat billi vvinta storja ta' ksur fi snienu u kif ukoll taghwig fin-nuccali biex jikkorrabora l-verzjoni tieghu illi qala' daqqa ta' ponn minn ghand Carmelo Azzopardi, dana meta fuq wicc l-appellant ma kien hemm l-ebda sinjali ta' vjolenza. Kif qalet il-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Joseph Thorn" (Appell Kriminali disgha (9) ta' Lulju, 2003) ". . . . mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta'konflitt ta' provi, trid tevalwa l-provi skont il-kriterji annunciati fl-Artiklu 637 tal-Kap 9, u tasal ghal konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'xiex ser temmnu jew ma temmnux" (ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Dennis Pandolfino et dsatax (19) ta' Ottubru, 2006).

Din il-Qorti ghamlet dan l-ezercizzju u bhall-ewwel Qorti waslet ghal konkluzjoni illi l-verzjoni li ghandha titwemmen hija dik ta' Patricia Azzopardi u zewgha Carmelo. Din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju illi l-appellant kien qed jigdeb u mar jivvinta storja illi qala' daqqa ta' ponn f'wiccu sabiex jivvendika ruhu minn Carmel Azzopardi talli dan irraportah li ghamillu hsarja volontarja fil-karozza ta' Azzopardi. Ghalhekk skont il-provi migbura, l-ewwel Qorti waslet ghal konkluzjoni li setghet ragunevolment u legalment tasal ghaliha. Peress illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-dedkrizzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti meta dana jirrizulta li l-ewwel Qorti kienet ragonevoli u legali fil-konkluzjoni taghha allura, mhux il-kaz illi tiddisturba dik id-deskrizzjoni u konkluzjoni.

Ghal dawn il-mottivi taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------